# IT-TIENI PARTI

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

---

11 ta' Jannar, 1950

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Richard Rizzo Bamber ne. versus Giuseppina Rizzo ne. et

## Bejgħ — Mandat — Akkwist ta' Immobili fl-Interess ta' Ħadd Ieħor — Art. 1277, 1959 (2) u 1965 tal-Kodiċi Ċivili.

*L-akkwist ta' immobili fl-interess ta' ħadd ieħor jista', avvolja jsehh dana l-akkwist bejn l-akkwirent u l-persuna l-oħra ma ikunx sar bil-miktub.*

*Għax bejn dawk it-tnejn minnies ma ikunx hemm rapport ġuridiku ta' bejgħ, jew ta' promessa ta' bejgħ, imma rapport ta' mandat sakemm il-mandatarju jakkwista l-immobili għall-mandant; u l-mandat jista' jingħata mhux biss bil-miktub, imma anki bil-fomm, u anki taċitament.*

*Il-formalitajiet li l-liġi tordna tassattivament għall-validità tax-xiri ta' immobili ma għandhomx jiġu konfużi mal-ftehim u r-rapporti li jkunu jeżistu bejn il-mandatarju u l-mandant; għaliex, filwaqt li t-trasferiment ta' immobili, jew il-promessa ta' trasferiment ta' immobili, għandhom isiru bil-miktub, taħt piena ta' nullità, il-prova ta' l-inkarigu tal-mandant lill-mandatarju biex dan jakkwista l-immobili tista' ssir mhux bil-miktub biss, imma per mezz ta' kull prova oħra permessa mill-liġi.*

*L-effett ta' dak il-ftehim fir-rapporti bejn il-mandanti u l-mandatarju huwa dak li jirrendi lill-mandanti proprjetarju "ex tunc" ta' l-immobili li jkun xtara fl-interess tiegħu l-mandatarju. Għalhekk il-mandanti għandu azzjoni diretta kontra l-mandatarju, jew kontra s-suċċessuri tiegħu, biex jiġi lilu trasferit dak l-immobili, u sakemm l-immobili jkun għadu fil-pussess ta' dawn l-aħħar imsemmija, u ma jkunx ġie trasferit lil terza persuna, ma jistgħux dawn l-aħħar imsemmija jirrifjutaw dak it-trasferiment, billi jippretendu li*

*minjiek għal dak it-trasferiment huma kellhom jiġu azzjonati mill-mandanti għad-danni u nteressi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-imsemmi Emmanuele Rizzo huwa proprjetarju tan-nofs indiviż tal-fond nru. 141, il-lum numru 165, Victory Street, Senglea, nikri dan in-nofs lill-imsemmi Joseph Rizzo, il-lum mejjet, bil-kera ta' £14 fis-sena li baqa' jitħallas regolarment sas-sena 1935; u billi wara l-mewt ta' l-imsemmi Joseph Rizzo fl-1940, ġiet kontestata lill-attur il-komproprjetà fis-sehem ta' l-imsemmi fond, peress li l-fond ġie akkwistat mis-subasta ġudizzjarja b'isem Joseph Rizzo; u billi kien hemm ftehim li dana Joseph Rizzo kellu jakkwista l-istess fond fl-interess anki ta' l-attur, kif fil-fatt huwa akkwistah; u billi wara l-akkwist l-istess Joseph Rizzo baqa' jħallas l-imsemmi kera lill-attur u jagħmillu proposti biex ikun jiegħ sehmu lill-istess *Joseph Rizzo* — bejgħ li sal-lum ma sarx; prevja d-dikjarazzjoni li l-fond fuq indikat ġie akkwistat minn Joseph Rizzo anki fl-interess u bħala inkarikat ta' l-attur, u li għalhekk dana jinsab *proprjetarju* ta' nofs dak il-fond, il-konvenuti (1) jiġu kundannati jittrasferixxu lill-attur nomine, bil-formalitajiet preskritti mil-liġi, nofs l-imsemmi post, billi għal dan l-iskop jiġi nominat nutar biex jippubblika l-att meħtieġ u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi; (2) u l-istess konvenuti jiġu kundannati jirrendu lill-attur nomine kont eżatt tal-kera realizzat jew li seta' jiġi realizzat mil-fond fuq imsemmi, fi żmien qasir u perentorju li tiffissalhom il-Qorti; u jekk dana ma jsirx, l-attur jiġi awtorizzat jiddetermina bil-ġurament is-somma dovuta, skond il-liġi. B'riżerva ta' drittijiet oħra, bl-imgħax legali min-notifika ta' dana l-att, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Ġunju 1948, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-att taċ-ċitazzjoni jidher li l-attur nomine jippretendi li meta l-mejjet Joseph Rizzo, awtur ta' xi wħud mill-konvenuti u żewġ il-konvenuta Giuseppina armla Rizzo, xtara mis-subasta ta' dawn il-Qrati il-fond nru. 141, il-lum 165, Victory Street, Senglea, għal kemm jidher li xtrah għan-nom

tiegħu fl-atter, fil-fatt huwa kien miftiehem ma' Emmanuele Rizzo, rappreżentat mill-attur nomine, li kellu jakkwistah għan-nofs għan-nom ta' l-istess Emmanuele Rizzo u fl-interess ta' dan l-aħħar imsemmi, u huwa għalhekk li qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni ta' nofs il-proprjetà tal-post imsemmi favur tiegħu, bil-konsegwenzjali talbiet għall-kundanna għat-trasferiment kif trid il-liġi dwar l-immobili u bit-talba għar-rendikont tal-kera minn dak l-istess post realizzat mill-konvenut, jew aħjar l-awtur tagħhom;

Illi mill-attijiet tal-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Rizzo pr. et ne. vs. Antonia Rizzo" ............ jidher li ġiet ordnata l-liċitazzjoni tad-dar imsemmija............. Fil-kawża tal-liċitazzjoni Giuseppe Rizzo kien qiegħed jidher fl-isem tiegħu u ta' ħuh Emmanuele Rizzo, l-attur tal-lum...........;

Illi esposti l-fattijiet relatati, dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tinvesti l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens li billi l-fond "de quo dicimus" inxtara minn subasta ġudizzjarja minn Joseph Rizzo, dana huwa proprjetarju uniku ta' dak il-fond; u subordinatament, bla preġudizzju ta' l-eċċezzjoni preċedenti, l-allegazzjoni tal-ftehim hija infondata; u fl-ipotesi li kien jeżisti, l-istess konvenzjoni hija nieqsa mill-formalitajiet legali meħtieġa f'materja ta' trasferiment ta' immobili, u għalhekk l-istess ftehim u konvenzjoni huma nulli, u għal dak in-nuqqas ma jistgħux jissupplixxu l-istess tribunali;

Tikkunsidra;

Illi tabilhaqq l-ewwel eċċezzjoni hija petizzjoni ta' prinċipju; l-għaliex l-attur, li jammetti li fil-liberazzjoni msemmija jidher bħala liberatarju finali Joseph Rizzo, bl-azzjoni odjerna minnu proposta qiegħed jissottometti illi, non ostanti li Joseph Rizzo qiegħed jidher bħala xerrej tal-fond in kwistjoni, fil-fatt kien hemm ftehim li huwa kellu, għan-nofs ta' l-istess fond, jakkwistah favur l-attur, u kwindi l-oppożizzjoni li mhux proprjetarju, l-għaliex jidher xerrej Joseph Rizzo, hija per se oppożizzjoni li l-attur ippropona li jwaqqa', u kwindi mhix valida biex tiġi annullata jew newtralizzata l-azzjoni. Mhux biżżejjed li tgħid li la Joseph Rizzo jidher proprjetarju, ergo għandu jkun ritenut tali, meta appuntu dik il-premessa sejra tiġi kombattuta bl-azzjoni odjerna. Huwa għalhekk li l-ewwel kwistjoni li huwa dmir dina l-Qorti tin-

vesti hija jekk kienx *hemm ftehim* li Joseph Rizzo kellu jixtri fl-aġġudikazzjoni nofs il-fond imsemmi għan-nom u fl-interess ta' l-attur, bħala mandatarju tiegħu, non ostanti li fil-fatt l-istess Joseph Rizzo xtrah u akkwistah "in testa propria", jew inkella kienx sempliċi mutwanti sabiex l-awtur tal-konvenuti jkun *jista' jixtrieh* għalih; salvo li mbagħad tara u teżamina jekk *fin-nuqqas* ta' *formalità* tal-kuntratt *il-ftehim* setax iseħħ bl'a ebda att publiku. Jingħad ukoll li, wara li jiġu studjati u eżaminati dawna l-kwistjonijiet ta' *indoli legali*, dina l-Qorti trid ukoll tiddirimi l-kwistjonijiet l-oħra sollevati *fil-kors* tat-*trattazzjoni* tal-kawża, fis-sens jekk l-at*tur*, *wara li gie jaf bil-fatt* li l-imsemmi *Joseph Rizzo* xtara l-fond f'ismu, aderiex u akkonsentiex li jibqa' ta' proprjetà tiegħu, jew abjar jiġi haddilhulux bla kuntratt, salvo li *jirċievi* nofs il-prezz li kien hareġ għall-akkwist, u l-validità ta' dana *r-rapport* ġuridiku, u l-kwistjoni l-oħra li l-attur se maj kellu *d-dritt* għar-*rižarċiment* tad-danni, iżda mhux għall-*eżekuzzjoni* effettiva u speċifika ta' dak li l-mandatarju seta' akkwista bil-mandat;

Illi, delimitati kif intqal fuq, il-kwistjonijiet bejn il-kontendenti, dina l-istess Qorti sejra tgħaddi biex tixxoljihom;

**Tikkunsidra**;

Illi mill-provi jirriżultaw aċċertati dawn il-fattijiet: —
(1) Li fl-epoka meta *saret il-liċitazzjoni*..............;

**Tikkunsidra**;

Illi minn dawn il-provi dina l-Qorti tħoss li fil-fatt l-attur kien ftihem ma' l-awtur tal-konvenuti li huwa għandu jixtri mill-aġġudikazzjoni l-fond "de quo" in kwantu għan-nofs fl-interess u *vantaġġ tiegħu*, u li meta bagħatlu bħala mandatarju tiegħu dawk il-flus li kienu neċessarji għall-akkwist ta' nofs l-istess fond, ma kellux f'rasu jagħmillu sempliċi mutwu, imma għall-iskop prefiss fil-konvenzjoni bagħatlu l-flus sabiex huwa jkun l-aġġudikatarju tan-nofs;

Illi ntqal, fil-ħsieb ta' *dina l-Qorti erroneament*, li anki kieku *jeżisti l-ftehim*, dana ma setax iseħħ, l-għaliex fil-kamp ta' trasferiment ta' immobili, l-istess "ad substantiam" ried ikun rivestit mill-forma li trid il-liġi, u ċjoè jrid isir b'att publiku; imma dina l-kwerela hija biss apparentement sana.

Infatti r-rappport ġuridiku ir-qegħed isostni l-attur mhux hux ta' bejgħ, jew promessa vend ta, imma dak tal-mandat sabiex il-mandatarju jixtri għall-mandant, li għalbiex jingħad li jeħħ m'hemmx lok tal-formalitajiet legali eżatti mill-konvenut;

Tabilħaqq, jingħad ukoll illi l-liġi, fejn riedet li jsir il-mkub, qalitu ċar (ara art. 1277 Kap. 23, Kodiċi Ċivili, Edizzjoni Riveduta), u semmiet ukoll li l-prova ta' obligazzjonijiet li jista' u jsiru bla kitba publika jew privata jistgħu jsiru permezz tax-xhieda (ara art. 1276 (1) hie uti supra); u fl-art. 1959 (2) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, jinsab dettat li, bla ħsara ta' kull dispożizzjoni speċjali oħra tal-liġi (li għall-każ in eżami ma teżistix), il-mandat jista' jingħata b'att publiku, b'kitba privata, jew bil-fomm, jew ukoll taċitament. Huwa minnu li l-aljenazzjonijiet ta' proprjetà, barra minn dawk li jidħlu fl-isfera ta' l-amministrazzjoni, jew ta' l-ipoteka, jew ta' attijiet oħra ta' dominju u proprjetà, irid ikunu espressi fil-mandat; imma apparti li dan ma jfisserx li l-mandat irid ikun bil-miktub, fil-każ in diżamina l-att jew il-mandat "de quo" ma kienx wieħed minn dawk l-attijiet li setgħu u jistgħu jippreġudikaw lill-mandanti, imma kien att li bih l-istess attur seta' u ried javvantaġġja minnu; u fil-fatt kien javvantaġġja ruħu b'a ebda ombra ta' dubju;

Jingħad ukoll li ma għandhomx jiġu konfużi l-formalitajiet li l-liġi tassativament tordna għax-xiri ta' l-immobili, u li huma dettati sabiex jiggarantixxu l-validità tagħhom fir-rapporti bejn bejjiegħ u xerrej u di fronti għat-terzi, mal-fteħim u rapporti li jkunu jeżistu bejn mandanti u mandatarju. Skond l-ispirtu u l-iskop tal-liġi, fit-trasferiment ta' l-immobili, dak li għandu, taħt piena ta' nullità, jirriżulta mill-att publiku jew mill-miktub, huwa rispettivament il-kuntratt tat-trasferiment jew il-promessa tal-bejgħ, u ċjoè l-att bejn il-mandatarju, jew il-pretiż kumpratur, u t-terza persuna li tkun il-venditur; mentri l-mandat fl-effetti tiegħu limitati bejn il-mandanti u l-mandatarju jista' jiġi dejjem dimostrat u pruvat, skond in-normi dettati għall-prova ta' l-obligazzjonijiet in ġenerali. Din hija l-konsegwenza leġittima u naturali ta' l-art. 1959 u 1965 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni

Riveduta; minn fejn jidher, kif intqal fuq, li l-mandat jista' jkun espress jew taċitu, u għandu jkun dejjem espress fil-każi msemmija taħt it-tieni artikolu fuq ċitat, u li huma attijiet li jsiru barra mill-ordinarja amministrazzjoni. B'dana kollu, mandat "expressis" ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jiġi stabbilit u pruvat b'mezzi oħra li huma permessi mil-liġi;

Dina l-opinjoni tal-Qorti hija korroborata mir-raffront li jista' jsir bejn il-Kodiċi Tagħna u l-Kodiċi Albertino fuq il-materja in disputa. Dan l-aħħar Kodiċi msemmi, fl-art. 1412 numru 3, kien jissanzjona u jordna li kellhom isiru b'att pubbliku l-prokuri meta jkollhom bħala oġġett il-bejgħ jew obbligazzjoni dwar proprjetà immobiljari, jew kuntratt ieħor jew att magħmul, jew li għandu jkun magħmul, per mezz ta' att publiku. Dina s-sanzjoni ma tinstabx imniżżla fil-liġi tagħna, li ma riedetx timur kontra dak li hija tordna fir-rapporti tal-mandat u riedet, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, iżżomm ben distinti l-kondizzjonijiet bejn il-kontraenti fl-att tat-trasferiment minn dawk tal-kontraenti mandatarju ma' l-istess mandanti tiegħu (ara, fis-sens tal-ħsieb tal-Qorti fuq espress, Annali della Giurisprudenza Italiana, Vol. XVI, parte III, *pag. 448, Appell Ruma 30 ta' Marzu 1882, "Porazzo contro* Janari"; Vol. XI, P.I., sez. 1, pag. 139, Cass. Firenze, 28 ta' Diċembru 1876 in re "Tarselli contro Rosselli"; Vol. XVIII, P. III, pag. 411, Appell ta' Casale, 17 ta' Ġunju 1884, in re "Trebine contro Navazzotti");

Billi huwa a konjizzjoni tal-Qorti li fil-ġurisprudenza estera hemm ukoll deċiżjonijiet kuntrarji għal dawk ċitati; imma l-ġurisprudenza tagħna ikkonformat ruħha għall-opinjoni abbraċċjata fuq min dina l-Qorti, kif jista' jidher, biex jiġu *ċitati xi deċiżjonijiet, mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta'* l-Appell tal-24 ta' April 1931, in re "Saverio e Carmelo germani Galea vs. Paolo Gauci nomine", kif ukoll minn dik ta' dina l-Qorti tat-13 ta' Jannar 1947 in re "Vincenzo Vella vs. Angelo Vella";

Illi kwindi, la darba kien hemm il-ftehim imsemmi, u la għall-effikaċja tiegħu ma kienx hemm bżonn tal-miktub, imma huma biżżejjed għall-finijiet tal-prova tiegħu l-provi testimonjali biex l-istess jiġi stabbilit, ma hemmx x'jingħad

aktar bl-effett ta' dak il-fehim fir-rapporti bejn il-mandant u l-mandatarju, kien li jirrendi lill-istess mandanti "ex tunc" proprjetarju tin-nofs tal-fond in kwistjoni — fatt guridiku li l-awtur fir-rapporti tat-terzi qieghed jitlob li jigi operat sabiex isir, dwar l-istess terzi, komplet u perfett;

Tikkunsidra:

Illi qabel ma dina l-Qorti tinoltra ruhha f'dina d-decizjoni, hemm bzonn li tigi investita l-kwistjoni l-ohra sollevata mill-konvenut, u cjoè jekk, ammess pruvat, kif dina l-Qorti tiddikjara operat, il-mandat, l-attur bhala mandanti setax jitlob it-trasferiment tal-fond jew biss seta' jitlob id-danni u l-interessi minn ghand il-mandatarju jew id-dixxendenti u avent kawza minnu;

Illi huwa tajjeb li qabel xejn jinghad li l-fond "de quo" jinsab fil-poter tal-konvenuti wlied il-mandatarju u ta' martu, li reggghu tellghuh bil-"war damage" fuq l-istess sit fejn kien jezisti qabel ma gie mwaqqa' bl-hidma tal-ghadu. Ma hemmx bzonn jinghad li kif l-azzjoni "mandati directa" tista' tigi ezercitata mhux biss mill-istess mandanti, imma anki mill-eredi u succcessuri tieghu, hekk ukoll dina l-azzjoni tista' tigi esperita kontra l-istess mandatarju jew l-eredi tieghu, ghalkemm il-mandat jispicca bil-mewt tal-mandatarju; u meta l-mandatarju jkun miet wara li jkun ezegwixxa l-mandat, anki in parti, jew wara li jkun kostitwit in mora, is-successur eredi tieghu, bhala l-persuni "qui sustinent personam defuncti" jidhlu wkoll ghall-obligazzjoni li jirrendu l-kontijiet ta' l-amministrazzjoni jew ghal dik tar-rifaciment tad-danni u interessi derivanti mill-mora li ghalfha kien tenut jezegwixxi skond il-mandat li huwa jkun assuma (ara Del Mandato, Pothier, par. 64, Livorno, Fratelli Vignozzi e Nipote, 1842). Anzi, skond l-awtur fuq imsemmi, ir-restituzzjoni mill-parti tal-mandatarju lill-mandanti ta' kwalunkwe haga determinata u certa, kif huwa naturali, tidhol taht l-obligazzjoni tal-mandatarju ghandu li jirrendi l-kontijiet. Infatti, fl-opera citata, fil-paragrafu 59, dak l-istess awtur ighid:— "Quando colla predetta amministrazione siano pervenuti al mandatario dei corpi certi e determinati, il mandatario, giusta lo stesso principio "ex mandato apud eum qui mandatum suscepit nihil remanere oportet". L. 20, ff. man-

dato, deve restituirsi al mandante. Per esempio: se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa, il mandatario che si è incaricato del mio mandato, e che ha comperato e si è fatto consegnare la cosa, deve restituirmela, ancorchè ne avesse fatto l'acquisto in suo nome. 'Si tibi mandavi ut hominem emeres, tuque emisti, teneberis mihi ut restituas'— L. 8, §10, ff. mandati' '';

Illi minn dana li niqal kwindi l-azzjoni hija proponibbli kontra l-eredi u aventi kawża ta -mandatarju u l-awtur ta' x whud mill-konvenuti;

Illi dwar il-mara ta' Joseph Rizzo bħala konsorti fil-komunjoni ta' l-akkwisti jingħad li huwa fatt li hija lanqas la eredi u lanqas aventi kawża b'titolu partikulari ta' żewġha. Jingħad ukoll li l-fond imsemmi ġie miġjub in ċitazzjoni mill-aħwa Rizzo wara l-mewt ta' missierhom sabiex jeħilsu mill-komunjoni, u kwindi l-akkwist li għamel Joseph Rizzo għalih u għal ħuh l-attur għandu jiġi kunsidrat li jagħmel f'lok i-qasma, kif dejjem ġie ritenut meta f'ċitazzjoni l-aġġudikatarju jkun kompossessur. Issa l-fond in kwistjoni kien jitnissel mill-wirt ta' missier l-aħwa Rizzo, u bħala tali, meta ġie aġġudikat il Joseph Rizzo, li kien miftiehem li għandu għan-nofs jakkwistah għall-attur, ġie iilhom f'lok qasma u f'lok il-kwota ereditarja tagħhom, bl-obbligu li jħallsu lill-kompossessuri jew il-konvenuti l-oħra, bi flus, is-somma tal-kwota tagħhom, b'mod i l-post kollu ġie għandhom bħala kieku kienu l-uniċi immedjati suċċessuri ta' missierhom fil-fond intier, u bħala tali daħal fil-patrimonju tagħhom proprju u ma setax jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti (ara Pothier, Trattato della Communione, paragrafi 145-149), salv il-kumpens dovut lill-komunjoni ta' l-akkwisti. Dana huwa, fil-ħsieb tal-Qorti, suffiċjenti biex tirritjeni inġustifikata ċ-ċitazzjoni ta' Giuseppina Rizzo fil-kwalità fuq imsemmija. Jingħad però li jista' jkun hemm argument ieħor differenti li jikkonduċi għall-istess konklużjoni. Jekk ma' l-aġġudikazzjoni l-attur sar proprjetarju tal-kwota li ssemmiet tal-fond in kwistjoni, u ċjoè kif jingħad skond il-formula antika "de praesenti aio scam rem esse meam", in-nofs tiegħu, ammess "gratia argumenti" li l-fond kien jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti ta' Joseph u Giuseppa konjuġi Rizzo, fuq il-konside-

tazzjoni ta' -fatti tar-rapporti tal-mandat bejniethom, l-ghaliex legalment dika l-kwota ideali kienet dejjem tieghu, qabel ma tkun determinata l-kwota tad-decujus ma setax jinghad liema parti kienet dahlet fl-akkwisti. Barra minn dan, l-eredi kienu jippossjedu kwota indiviża ugwali ghal dik li qieghed jippretendi l-attur u kienet sufficjenti biex tiiqaf l-azzjoni minnu esperita, li bhala li hija ta' natura personali ma setghetx hlief tigi esperita kontra l-eredi jew aventi kawża universali partikulari tal-mejjet, u mhux kontra Josephine Rizzo li hija terza persuna;

Tikkunsidra;

Illi wara dawna l-preliminari, dwar il-kwistjoni proposta jinghad li huwa minnu li l-awturi huma xi ftit hafna dwar is-soluzzjoni tagħha. Infatti d-Duranton (Diritto Civile, Vol. X, De Mandato, Titolo XIII, paragrafi 234 e 236 (Edizione Napoli 1855), huwa ta' l-opinjoni li qeghdin isostnu l-konvenuti, fis-sens li fil-każ ta' nuqqas tal-mandatarju, il-mandanti ma ghandux azzjoni ohra hlief dik tad-danni u interessi, u mhux dik ta' l-eżekuzzjoni effettiva, jew ahjar koerċizjoni speċifika. Ir-Ricci wkoll (Vol. IX, Diritto Civile, Del Mandato, para. 75, pag. 737), jirritjeni l-istess haġa, u jikkritika sentenza ta' l-Appell ta' Milan tat-30 ta' Diċembru 1869 (Raccolta Vol. XXI, p. 2, pag. 1030), li solviet il-kwistjoni favur it-teżi ta' l-attur fil-każ li l-haġa tkun ghadha f'idejn il-mandatarju, u naturalment, iżżid dina l-Qorti fuq l-awtorità tal-Pothier fuq ċitat, fil-pussess ta' l-eredi tieghu bhala li huwa "sustinet personam defuncti"; imma fl-istess hin dik l-istess sentenza tirsolvi l-kwistjoni favur it-teżi tal-konvenuti fil-każ ta' impossibilità ta' eżekuzzjoni ta' dak li jkun miftiehem, f'liema l-ahhar każ qalet li l-unika azzjoni li jibqghalu l-mandanti hija dik tad-danni u interessi. Ta' l-istess opinjoni, u dejjem in bażi tal-prinċipju li "nemo potest precise cogi ad factum", jidher li huwa l-Gabba (Vol. 1, pag. 165, Nuove Quistioni di Diritto Civile, Fratelli Brun., 1912), meta jitkellem fuq l-azzjoni sabiex tkun eżegwita promessa ta' kuntratt, sija unilaterali sija bilaterali, bhala obligazzjoni "ut faceas", meta l-promittent ma jkunx irid jeżegwiha. Huwa ghalhekk li dan l-awtur l-ahhar insemmi jaddotta dina t-teo-

rja "ex necessitate tantum" (-għaliex hadd ma jista' jkun imġiegħel jagħmel dak li ma jridx jagħmel);

*Jingħad però li l-istess awtur jagħmel certa riżerva li fil-ħsieb tal-Qorti hija ta' importanza, u ċjoè: "il non potersi cioè chi ha promesso un contratto costringere a porlo in essere, ma soltanto a risarcire lo stipulante, promittente o no, alla volta sua, della promessa inadempiuta, non significa già che lo stipulante non possa agire per ottenere la dichiarazione giudiziale dell'obbligo del promittente di concluderlo, ma soltanto agir possa per ottenere risarcimento del promittente restio" (ara opera ċitata, pag. 167 u 168). U aktar 'l-isfel ikompli jisser l-idea tiegħu bil-kliem :— "L'impossibilità del costringimento al contratto significa soltanto che, dopo ottenuta condanna del promittente restio alla conclusione del contratto, e non ottemperando egli alla condanna, lo stipulante non possa dal canto suo adoperare mezzi coercitivi contro di quello fuorchè per conseguire il risarcimento del danno". Huwa però ta' min jikkunsidra li dana l-awtur ma kkunsidrax il-każ taħt ir-rapporti ta' mandant u mandatarju, fejn l-azzjoni promossa tkun ta' indoli personali, u fejn il-mandatarju huwa tenut iżomm dak li jirċievi għall-mandanti u li hlu għandu jrodd in bażi għall-prinċipju tal-mandat kanonizzat mid-Dritt Ruman "si tibi mandavi ut homine emeres, tuque emisti, teneberis ut restituas" (L. 8, § 10 Dig. mandati);*

*Tikkunsidra;*

Illi jekk l-awtorità ċitata fuq hija ta' l-opinjoni favur it-teżi konvenuta, skritturi oħra ugwalment awtorevoli huma ta' l-opinjoni kuntrarja. Infatti l-Laurent (Vol. XXVIII, pag. 49, para. 60 u 61) isostni t-teżi ta' l-attur fir-rapporti tal-mandanti *u mandatarju. L-istess jingħad mill-Baudry Lacantinerie*, Vol. XXIV, pag. 330, para. 608, fuq l-awtorità ta' l-istess Laurent u tal-Pothier, li fit-trattat tiegħu fuq il-mandat, pag. 348, para. 60) (edizzjoni fuq ċitata) jgħid :— "Secondo lo stesso principio (*L. 8, § 10 ff. mand. fuq ċitata*), *cioè che al mandatario nulla* debba rimanere della sua amministrazione, allorchè esso in virtù di contratti fatti in esecuzione del mandato con dei terzi, ha acquistati contro essi dei diritti ed azioni, il mandante deve esservi surrogato" - *oltre dak li nqal minnu fil-paragrafu* 59 u 64 ta' l-istess *opera u li ġie ċitat* aktar 'il quddiem;

Camillo Mellini fil-monografija tieghu fuq "Il mandato Civile e Commerciale" (ara Digesto Italiano, Vol. XV, P. I., pag. 425 u 426, para 176), wara li jiċċita l-opinjoni u l-kritika tar-Riċċi dwar is-sentenza ta' l-Appell ta' Milan tat-30 ta' Diċembru 1869 fl-ismijiet Airaghi vs. C...... (Giza, Italiana 1869—II—1030) fuq imsemmija, li ssostni t-teżi ta' l-attur, jghid :—"L'inadempimento del mandatario, ha ritenuto la Corte d'Ancona (Appell Ancona 10 ta' Ottubru 1894 in re "Marchetti vs. Rinci"—Foro Italiano 1895, P. I, pag. 118) non può dar luogo che a un'azione personale; ma ciò è vero solo nei rapporti fra mandante e i terzi, contro i quali non potrebbesi agire con azione di rivendica per ottenere il possesso dell'immobile acquistato già dal mandatario. Ma ad eguali conclusioni non potrebbesi venire quando il mandante agisse contro il mandatario per essere riconosciuto proprietario della cosa che quegli acquistò in nome proprio. Anche se l'azione promossa è di sua natura personale, non può il mandatario scansarne gli effetti immediati, che si risolvono nell'obbligo di consegnare al mandante l'oggetto che per lui solo dovea acquistare. In sostanza non si ha un vero giudizio di rivendicazione, ma sempre un'azione per l'adempimento del mandato";

Anki l-Pacifici Mazzoni (ara Istituzioni di Diritto Civile, Volume V, P. I speciale, pag. 361, para. 234) jirritjeni li l-mandatarju ghandu jaghti u jrodd dak kollu li huwa jkun irċieva in forza tal-mandat;

Illi dina l-Qorti hija tal-fehma li meta Joseph Rizzo bhala mandatarju ta' l-attur xtara mis-subasta l-fond imsemmi fl-isem tieghu proprju u b'mandat ta' Emmanuele Rizzo, l-attur ma akkwistax ebda dritt reali fuq daka l-fond b'mod li jista' jirrivendikah; imma ghandu l-azzjoni personali "mandati directa" kontra l-mejjet hub u s-suċċessuri tieghu u aventi kawża minnu, sabiex jitlob ir-ritorn u l-kunsinna tal-kwota li hub kellu jakkwista ghalih, u li fuq l-akkwist deher li xtara "in testa propria". Kieku l-fond ghadda minn ghand il-mandatarju, li xtrah f'ismu, ghand terzi persuni in virtù ta' att iehor traslativ tad-dominju, l-azzjoni kontra t-terza persuna kienet tkun kwistjoni differenti, li dina l-Qorti ma gietx, fuq il-provi li hemm, imghajta tirsolvi;

Illi anki l-ġurisprudenza tagħna ddeċċdiet dana l-punt f'dan is-sens li waslet għalih dana l-Qorti tara Appell "Saverio Galea et vs. Paolo Gatt et ne." ta' l-24 ta' April 1931; Prim'Awla Civili "Meli vs. Meli" tal-25 ta' Mejju 1927; Appell 10 ta' Ottubru 1930 "Maria Calleja ne. vs. Paolo Degiorgio" (Vol. XXVII, P. I, pag. 620); Prim'Awla Civili "Paolina Brignglio vs. Dr. Carmelo Parnis ne. et." tal-20 ta' Diċembru 1928);

Illi kwindi l-azzjoni hija mentata tajjeb kontra l-konvenuti bħala eredi u aventi kawża universali ta' missierhom; imma, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss kontra l-mara ta' Joseph Rizzo bħala kompartecipi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-għaliex dak il-fond ma seta' qatt daħal f'dik il-komunjoni, u l-fond kien, għan-nofs, ta' l-attur u sia mill-mument li Joseph Rizzo għamel l-akkwist fuq il-mandat li kien tala bla ma kien ġie magħżul;

Tikkunsidra:

Illi, riżoluti l-kwistjonijiet fuq imsemmija, jibqa' l-aħħar kwistjoni; u ċjoè jekk wara li Joseph Rizzo xtara l-fond "de quo" kollu fl-isem tiegħu non ostanti li kellu l-mandat mill-attur biex jixtri nofsu għalih, u għal dana l-fini bagħatlu l-flus neċessarji, kienx hemm ftehim li l-istess attur jittrasferixxi lill-istess Rizzo dak l-istess fond b'mod li l-fond sar kollu ta' proprjetà tal-mejjet Joseph Rizzo; u jekk kien hemm dak il-ftehim, l-istess setax iseħħ skond il-liġi bla att publiku;

Illi hawn ta' min jirrelata ċerti fattijiet, u ċjoè li Joseph Rizzo, meta kien għadu ħaj, esprima l-idea li huwa jibgħat nofs il-flus tal-posta lill-attur u b'hekk jispiċċa biex isir proprjetarju ta' l-intier ........;

Illi, stabbiliti dawna l-fattijiet, jingħad li hawn il-każ huwa divers mill-kwistjonijiet legali li nqalgħu qabel f'dina l-istess sentenza. F'dana l-każ għandna pretiż trasferiment ta' proprjetà, jew, fl-agħar event, promessa ta' trasferiment ta' immobili, bla kuntratt jew miktub, li f'għajnejn il-liġi ma jiswew xejn u huma nulli. Apparti dan, fil-fatt l-attur ma rċieva qatt nofs il-prezz tad-dar u l-kwistjoni b'mod li jista jingħad li forsi seta' rratifika dak li sar, jekk qatt seta' jkun hemm ratifika, u meta skond il-liġi (art. 1273 tal-Kodiċi Civili, Kap. 23 Ediz. Riveduta), it-twettiq jew ratifika ta' att li l-liġi espressament tannulla minħabba nuqqas ta' formalità, ma jissewwewx meta

ma jsirux b'att li jkollu l-formalitajiet kollha meħtieġa biex kien ikun jiswa l-att li jiġi mwettaq jew ratifikat;

Illi lanqas ma nistgħu nitkellmu fuq ir-rinunzji; il-għaliex jekk l-attur kien sar, fir-rapporti ta' ħuh Joseph Rizzo, proprjetarju tan-nofs tad-dar in kwistjoni, malli dan l-aħħar akkwistaha mis-subasta, dika r-rinunzja kellha ssir bil-forma rikjesta "ad substantiam" mill-liġi;

Illi kwindi, il-pretiż, jew aħjar allegat trasferiment millparti ta' l-attur lill-awtur tal-konvenuti, tal-kwota li kellu middar in kwistjoni, ma jistax jingħad li sar.

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, l-ewwelnett billi tiddikjara li l-fond indikat fl-att taċ-ċitazzjoni gie akkwistat bl-aggudikazzjoni msemmija minn Joseph Rizzo, il-lum mejjet, anki fl-interess u bħala nkarikat ta' l-attur Emmanuele Rizzo, in kwantu għan-nofs mhux maqsum, b'mod li l-attur imsemmi huwa proprjetarju ta' nofs mhux maqsum ta' dak l-istess fond; u t-tieni nett tikkundanna lill-konvenuti proprio u bħala eredi ta' missierhom u Josephine Rizzo fil-kwalità ta' tutriċi ta' binha minuri Victor, għal hekk opportunament awtorizzata, jittrasferixxu lill-attur nomine n-nofs mhux maqsum tal-post imsemmi skond ma trid il-liġi; u għal dana l-fini tinnomina...........; it-tielet nett tikkundanna lill-konvenuti jirrendu kont lill-istess attur nomine tal-kera realizzat jew li seta' jiġi realizzat mill-fond imsemmi fi żmien xahrejn, u fin-nuqqas li hekk jagħmlu fiż-żmien fissat, tilqa' l-alternativa magħmula mill-istess attur nomine; u fl-aħħarnett tiċħad it-talbiet in kwantu diretti kontra Josephine Rizzo bħala konsorti fl-akkwisti konjugali; riżervata lill-werrieta ta' Joseph Rizzo kwalunkwe azzjoni li għandhom jew jista' jkollhom "si et quatenus" għal xi drittijiet oħra—riżerva li sservi wkoll għall-attur nomine;

L-ispejjeż, in vista tal-fatt li l-attur nomine ma nsistiex biex jirregolarizza l-pożizzjoni fil-ħajja ta' ħuh u qabel, kif seta' liberament jagħmel, jitħallsu, dawk ta' l-ewwel talba u dikjarazzjoni nofs kull wieħed bejn il-kontendenti, u dawk tattieni talba mill-konvenuti, mentri dawk ta' Josephine Rizzo fil-kwalità li kontra tagħha t-talba giet miċħuda għandhom imorru għall-attur nomine.